MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru 1097/2006

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia )

vs

Paul Magro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' Maltija numru 492273M u nakkuzah talli:

1. B'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksu l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda;

2. Fl-24 ta' Settembru 2006 ghall-habta tal- 10.45am, u fil-gimghat u jiem ta' qabel, fil-Pieta u f'inhawi differenti

f'dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz billi wahhalt sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru LCG 026 fuq il-vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni  originali BBN 421, kif ukoll wahhalt licenzja tal-windscreen bin-numru serjali 'E735093' fuq  Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni BBN 421 meta din orignarjament kienet tappartjeni Mercedes Benz differenti bin-numru tar-registrazzjoni originali LCG026;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn dokument iehor falsaifikat billi wahhalt sett numri tar-registrazzjoni foloz bin-numru LCG 026 fuq il-vettura differenti  tal-marka Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni originali BBN 421, kif ukoll wahhalt licenzja tal-windscreen bin-numru serjali 'E735093' fuq  Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni BBN 421 meta din orignarjament kienet tappartjeni Mercedes Benz differenti bin-numru tar-registrazzjoni originali LCG026;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, soqt vettura tal-ghamla Mercedes Benz (bin-numru tar registrazzjoni originali BBN421) B'numru tar-registrazzjoni LCG026 li huwa falz, minghajr licenzja tal-Kummissarju  tal-Pulizija jew tal- Awtorita Dwar it- Transport Pubbliku, jew soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kontx kopert b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat in-nota tal- Avukat Generali sabiex il- kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet xhieda;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuza fl- liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-imputat inghata zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

l-akkuzi jitrattaw skjamb ta' pjanci minn vettura ghall- ohra li wahda kienet registrata fuq l-imputat u l-ohra fuq missieru.

Jippotizzaw r-reat ta' falsifikazzjoni ai termini tal-Artikolu 188 u l-uzu tal-falz biex inkiseb il-vantagg jew il-beneficju ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kap 9.

Issa , l-akkuzi jirrisalu ghas-sena 2006 izda deciza biss illum fuq ammissjoni volontarja u irrevokabbli tal- imputat minhabba imprevisti kif jatlestaw il-verbali relattivi tas-seduti.

Wara li l-Qorti ikkonsidrat l-verbal tal-lum stess, rat il-fedina penali tal- imputat u l-Artikoli tal-ligi fuq citati, tiddecidi li tapplika kontrih l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'hekk li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

Tordna l-konfiska tal-vettura.

Spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------